## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 1083**

**PUBBLIKAZZJONI TA’ ABBOZZ TA’ LIĠI FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta’ Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma’ din il-Gazzetta:

Abbozz ta’ Liġi Nru. 96 imsejjaħ Att tal-2011 li jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta’ Malta.

Il-25 ta’ Novembru, 2011

**Nru. 1084**

**ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (Kap. 504)**

**Regolamenti tal-2010 dwar Stima Ambjentali Strateġika**

*Notifikazzjoni dwar il-Pubblikazzjoni tal-Pjan Nazzjonali tal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku*

L-UFFIĊĊJU tal-Prim Ministru jgħarraf li wara *screening* imwettaq fuq il-Pjan Nazzjonali (NAP) tal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku (GPP), u wara konsultazzjoni mal-Punt Fokali dwar Stima Ambjentali Strateġika ġie konkluż li l-GPP NAP ma jeħtieġx jiġi soġġett għal Stima Ambjentali Strateġika.

Membri tal-pubbliku jistgħu jiksbu kopja tal-Pjan mit-Taqsima għat-Turiżmu u l-Iżvilupp Sostenibbli, Berġa ta’ l-Italja, Uffiċċju tal-Prim Ministru, fil-Belt Valletta jew jakkwistaw kopja elettronika minn: (www.gpp.gov.mt).

Il-25 ta’ Novembru, 2011

**Nru. 1085**

**TRIBUNAL TA’ APPELLI DWAR LIĊENZI TAL-PULIZIJA**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta’ kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 222 tal-2007, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għoġbu japprova l-ħatriet fuq it-Tribunal ta’ Appelli dwar Liċenzi tal-Pulizija.

*President*
Is-Sur George Borg Cardona

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 1083**

**PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 96 entitled the Central Bank of Malta (Amendment) Act, 2011.

25th November, 2011

**No. 1084**

**ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT (Cap. 504)**

**Strategic Environmental Assessment Regulations, 2010**

*Notice regarding the Publication of the Green Public Procurement National Action Plan*

THE Office of the Prime Minister notifies that following the screening carried out on the Green Public Procurement (GPP) National Action Plan (NAP) and after consulting with the Strategic Environmental Assessment Focal Point, has concluded that the GPP NAP does not require to be subjected to a Strategic Environmental Assessment.

Members of the public may obtain a copy of the Plan from the Tourism and Sustainable Development Unit, Auberge d’Italie, Office of the Prime Minister, in Valletta or electronically from: (www.gpp.gov.mt).

25th November, 2011

**No. 1085**

**POLICE LICENCES APPEALS TRIBUNAL**

IT is hereby notified that in exercise of powers conferred by Legal Notice 222 of 2007, the Minister for Justice and Home Affairs has approved the following composition of the Police Licences Appeals Tribunal.

*President*
Mr George Borg Cardona